MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2011

Numru 772/2004

Il-Pulizija
(Spettur Ian Joseph Abdilla)

vs

Emanuel Bianchi u Rodney Fenech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 287983M u 42785M rispettivament, akkuzati talli fil-15 ta’ Settembru 2004 u granet u xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. iffalsifikaw biljetti tal-flus kif ukoll mexxew biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Maltin, meta kienu jafu li huma falsifikati;
2. fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli xtraw jew ircevew minghand xi persuna, kif ukoll kellhom fil-pussess taghhom, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kienu jafu li l-istess huma falsifikati;
3. fl-istess data, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' anqas minn Lm100 ghad-dannu ta' Cassar Service Station, diversi pompi tal-petrol u sidien tal-petrol stations ohra u persuni ohra;
5. fl-istess data, lok u cirkostanzi ikkommettew serq ta' diesel u petrol minn diversi petrol stations fosthom Cassar Service Station taz-Zejtun u pompi ohra ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess pompi u persuni ohra, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok;
6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jmexxuhom jew ibieghuhom;

Kontra Emanuel Bianchi wahdu talli:

7. fl-istess data, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal licenzja ta' 'windscreen' bin-numru C672343 li tappartjeni ghall-vettura tal-ghamla Mazda 323 bin-numru tar-registrazzjoni originali LCA438 fuq vettura differenti tal-ghamla Ford Escort bin-numru originali JAO519;

8. fl-istess data, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel
uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

U b'hekk l-akkuzati Emanuel Bianchi u Rodney Fenech saru recidivi a termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi. Tordna l-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju mahrug mill-Avukat Generali li bih baghat lill-imputati sabiex jigu gudikati minn dina l-Qorti, fin-nuqqas ta' oggezzjoni taghhom, dwar htija jew nuqqas taghha fl-artikoli tal-ligi citati;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet attribwiti lill-imputati jestendu ghall-ispacc u l-pussess ta' flus foloz, l-falsifikazzjoni ta' atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat minn persuni li mhumiex ufficjali pubblici, t-truffa, is-serq kwalifikat bil-mezz, hin u lok, ir-ricettazzjoni u r-recidivita'. Dawn jinsabu dedotti fil-konfront taz-zewg imputati flimkien. Fir-rigward l-imputat Emanuel Bianchi huwa wkoll wahdu mixli b'kazijiet ohra ta' falsifikazzjoni u li ta dikjarazzjoni jew taghrif falz.

Issa, il-fatt li taw origini ghall-imputazzjonijiet jikkonsisti fi flus foloz li kienu qed jintuzaw f'stazzjonijiet tal-petrol tramite liema kien qieghed jittiehed petrol jew diesel. L-imputati gew identifikati minn sid l-istazzjon maghruf bhala 'Cassar Service Station' ta' Haz-Zabbar.

Trattati seriatim l-imputazzjonijiet komuni ghaz-zewg imputati fid-dawl tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali, jinghad kif isegwi:

i. dwar li l-flus uzati kienu foloz m'ghandu jkun hemm ebda dubbju; li ma jinsabx pruvat hu li kienu l-imputati jew min minnhom li ffabrikaw l-munita falza.

ii. dwar il-falsifikazzjoni hi tista' treggi biss ghal dak l-att li jehtieg li jkun 'awtentiku u pubbliku'; trattandosi ta' nota jew noti ta' flus falsifikati fiz-zgur jonqos l-aspett 'pubbliku' fis-sens tal-ligi; idem, ghalhekk, m'huwiex riskontrabbli r-reat ta' l-uzu xjenti tieghu.

iii. dwar it-truffa l-forom ta' artifizz jew raggiri li jikkomponu dan ir-reat isemmihom il-ligi stess; fost dawn hemm il-qerq u/jew l-ingann; fil-kaz in meritu dan jikkonsisti fit-tfirh ta' flus foloz bl-iskop car li jsir qligh bi hsara ta' haddiehor; fil-kaz de quo ma jidhirx li l-hsara maghmula kienet ta' aktar ta' 23.95 Ewro.

iv. dwar is-serq dan jirrizulta wisq car meta permezz tal-munita falza ittiehed illegalment il-petrol izda aggravat bl-aggravju tal-hin biss.
v. dwar r-ricettazzjoni dan hu reat in alternattiva ghas-serq.
vi. dwar r-recidiva mill-atti processwali dan ma jirrizultax.

Trattati l-imputazzjonijiet li fid-dawl tal-artikoli tal-ligi jinsabu citati kontra l-imputat Emanuel Bianchi biss hi l-fehma tal-Qorti li treggi fl-uzu xjenti tad-dokument konsistenti fil-licenzja tat-triq tal-vettura JAO 519, cioe' bhala forma ta' falz ideologiku.

Dwar il-piena, l-Qorti u fin-nuqqas tal-prova rigwardanti r-recidiva, hi tal-fehma li ghandha tadotta piena ta' prigunerija sospiza li minhabba l-fedina penali tal-imputat Bianchi ser tkun aktar oneruza fil-konfront tieghu. Rat ghal dan il-fini l-Artikolu 46 tal-Kap 204, 308. 310(c), 261(f), 270, 281(a), 189 (fil-konfront tal-imputat Bianchi) u 17 tal-Kap 9, tikkundanna l-imputat Rodney Fenech ghal sena prigunerija u l-imputat Emanuel Bianchi ghal sentejn prigunerija izda qeghdha tordna li l-perjodi rispettivi ta' prigunerija jibqghu sospizi zmien sentejn mill-lum sakemm l-imputati ma jikkommettux reat punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv tas-sospensjoni u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Tordna l-konfiska tal-vettura u tal-flus foloz li jigu rimessi lill-Bank Centrali.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabilita' taghhom skond is-sentenza ai termini tal-Artikolu 28A(4) tac-citat Kap.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------